TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
(GHAWDEX)

GUDIKATUR DOTTOR KEVIN MOMPALAO LL.D. ATEM

Seduta tal-Gimgha 9 ta' Dicembru 2016

Avviz Nru 34/2016

Mary Abela

-vs-

Angelo Abela u b'digriet tat-3 ta' Ottubru 2016 giet nominata Dr. Deborah Mercieca bhala kuratur deputat sabeix tirraprezenta lil imsiefra Catherine Schwarha u b'digriet tat-18 ta' Ottubru 2016 Dr. Joseph Grech gie nominat kuratur deputat minnflok Dr. Deborah Mercieca.

It-Tribunal

Ra' l-avviz tat-talba prezentat fil-wiehed u tletin (31) ta' Awissu tas-sena elfejn u sittax (2016) illi permezz tieghu l-attrici talbet hlas fis-somma ta' tlett elef seba' mija u sebgha Ewro u disghin centezmu (€ 3707.90) rapprezentanti in parti rifuzjoni ta' spejjes gudizzjarji li hi hallset erronjament lil konvenuti meta dawn suppost thallsu direttament lill-Qorti u dan sussegwenti ghal kawza fl-ismijiet L-Avukat Chris Said et noe vs mary Abela pro et noe (citaz 25/2006) liema hlas sar fuq kuntratt tal-15 ta' Ottubru 2010 fl-atti tan-Nutar Christian Zammit u in parti spejjes legali inkorsi minnha.

Ra' r-risposta tal-konvenut Dr. Joseph Grech nomine fejn hu iddikjara li mhux edott mill-fatti.

Ra' illi l-konvenut Angelo Abela debitament notifikat naqas minn li jintavola risposta kif ukoll naqas minn li jidher personalment sabiex jikkontesta t-talbiet personalment quddiem is-sede tat-Tribunal.

Ra' l-atti kollha tal-kawza.

Ra' d-digriet tieghu tas-sittax (16) ta' Novembru tas-sena elfejn u sittax (2016) li permezz tieghu din il-kawza giet mhollija ghas-sentenza ghas-seduta tal-lum.

Ikkunsidra

Illi l-konvenut Angelo Abela debitament notifikat naqas min li jintavola risposta opportuna. L-anqas deher personalment quddiem it-Tribunal sabiex jikkontesta t-talbiet fil-konfront tieghu.

Il-konvenut kuratur deputat irrisponda fis-sens illi ma kienx edott mill-fatti in kawza.

L-attrici kkonfermat it-talbiet taghha quddiem it-Tribunal. In oltre hija prezentat affidavit fejn tat spjega cara u konvincenti tat-talbiet taghha.

Gew esebiti wkoll ghadd ta' dokumenti fosthom is-sentenza moghtija fl-appell fil-28 ta' Mejju 2010 fl-ismijiet L-avukat Dr. Chris Said noe et vs Mary Abela pro et noe; il-kuntratt tal-15 ta' Ottubru 2010 u l-mandat ta' sekwestru mahrug fil-konfront taghha mir-registratur tal-Qorti ghal hlas tad-drittijiet tar-registru.

Mill-provi mressqa quddiemu dan it-Tribunal jara l-kaz li t-talbiet attrici jigu akkolti fl-interezza taghhom stante illi jirrizulta illi originarjament kien sar il-hlas bi zball lil konvenuti u sussegwentament l-attrici kellha terga thallas it-tieni darba.

Il-bqija ta' l-ispejjes u cioe mitejn u hdax il-Ewro u disghin centezmu (€ 211.90) konsistenti fi spejjes li ghalihom l-attrici dahlet intortament meta spiccat rinfaccata bi proceduri legali

kontra taghha, ghandhom ukoll jigu mhallsa mill-konvenuti; li bla ma kellhom dritt tefghu dawn il-flus f'buthom u ma rritornawhomx.

Ghal dawn il-motivi dan it-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici in toto; jikkundanna lil konvenuti flimkien u solidament bejniethom ihallsu lil attrici s-somma ta' tlett elef seba' mija u seba' Ewro u disghin centezmu (€ 3707.90); bl-imghax mid-data ta' dan l-avviz il-quddiem. L-ispejjes kollha jithallsu mill-konvenuti b'dan illi l-kuratur deputat ghandu jithallas provvizorjament minn l-attrici.

Kevin Mompalao
Gudikatur

Daniel Sacco
D/Registratur